**Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum**
**2003**

# MALTI

---

## A. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi SĦAĦ:

*(L-istudenti huma mħeġġa jiktbu pulit u bla żbalji. Dan jgħodd ukoll meta jikkupjaw minn naħa għal oħra.)*

### SEĦER IL-BAĦAR



Ivan kien jgħix mal-familja ġo villaġġ ċkejken ħdejn il-baħar. Huwa tħabbeb sew mal-baħar u fuq kollox kien jogħxa jħares lejn il-vapuri. Mit-tieqa ta' kamartu Ivan kien jilmaħ vapuri ta' kull daqs u għamla jidħlu fil-port jew isalpaw minnu. Il-ħidma fuq il-vapuri kienet issaħħru. ***(par. 1)***

Ivan xtaq isir baħħâr. Missieru kien beda bħala baħħâr u laħaq kaptan ta' vapur. Jgħidu li bin is-sengħa għandu nofsha. ***(par. 2)***

Għodwa waħda qrib Lulju, meta Ivan, ommu u missieru kienu miġburin jieħdu kolazzjon, waqa' l-kliem fuq il-vjaġġi fuq il-baħar. Missier Ivan kien għadu kif temm vjaġġ twil ta' xahrejn. ***(par. 3)***

"Sonja, kont qed naħseb," qal il-kaptan lil martu, "li għall-mawra li jmiss fi żmien ħmistax-il ġurnata nieħu miegħi lil Ivan. Din mawra qasira u Ivan ikun spiċċa s-sena skolastika f'dan l-istaġun sħun." Ivan ried itir bil-ferħ. Dejjem ried jaqta' xewqtu. Iżda ommu kienet tħoll u torbot. Beda jittama li ma ġġibhilux bi kbira biex tagħti l-kunsens tagħha daqs kemm kienet tibża' mill-baħar. ***(par. 4)***

Omm Ivan dehret ħosbiena f'dak il-ħin u ma weġbitx mill-ewwel. "Ma nafx!" stqarret Sonja mħassba. "Ivan għadu żgħir. Il-baħar mhux post għat-tfal." Bid-daħka żewġha malajr weġibha, "Tassew li għadu tfal, iżda t-tifel tagħna għalaq tnax-il sena u kbir biżżejjed li jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Jiena ċert li jaqta' figura tajba." ***(par. 5)***

Sonja baqgħet siekta għal ħin twil. Ivan kien fuq ix-xwiek li jieħu t-tweġiba pożittiva, tweġiba li xtaqha missieru ukoll. "Ma, mamà. Isa għidli!" Daret lejn binha u qaltlu, "Kollox sew! Oqgħod attent, għax il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa." ***(par. 6)***

Meta wasal il-jum tat-tluq, Ivan u missieru ġibdulha lejn il-port biex jimbarkaw fuq biċċa tal-baħar kbira mhux ħażin. Ivan kien ferħan u kburi b'din l-ewwel esperjenza. Fuq kollox, huwa kien iben il-kaptan. Missieru kien kemmxejn qasir, b'saħħtu u kellu vuċi soda. Id-dar kien dejjem, dejjem daħkan, iżda tilgħablux fuq xogħlu abbord. Kien strett. Il-baħrin abbord kienu jobdu kull kmand li jordnalhom. Ħadd ma kien joqgħod b'idejh fuq żaqqu. Ivan kellu vjaġġ mill-isbaħ. Il-baħrin kienu jafu li hu iben il-kaptan. Kulħadd kien jirrispettah u jħobbu. Kien tifel ferrieħi u ħawtiel. ***(par. 7)***

*(Mibnija fuq storja ta' Leo Tolstoi)*

1. Xi kwalità ta' vapuri kienu jidħlu fil-port? *(marka)*

______________________________________________________________________

2. Agħti żewġ raġunijiet għaliex taħseb li Ivan tħabbeb sew mal-baħar. *(2 marki)*

(a) ____________________________________________________________

(b) ____________________________________________________________

3. Kemm kien twil l-aħħar vjaġġ tal-kaptan? *(marka)*

______________________________________________________________________

4. F'liema staġun tas-sena seħħet din il-ġrajja? *(marka)*

______________________________________________________________________

5. Għaliex Ivan ried itir bil-ferħ? *(marka)*

______________________________________________________________________

6. Għaliex omm Ivan kienet tħoll u torbot? *(marka)*

______________________________________________________________________

7. Agħti ż-żewġ raġunijiet għaliex Sonja kienet ħosbiena. *(2 marki)*

(a) ____________________________________________________________

(b) ____________________________________________________________

8. Kemm kellu żmien Ivan meta baħħar għall-ewwel darba? *(marka)*

______________________________________________________________________

9. Ikteb sentenza biex turi x'riedet tfisser Sonja meta qalet lil binha:

*"Ftakar li l-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa."* *(marka)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

10. Kif kienu jġibu ruħhom il-baħrin mal-**kaptan**? *(marka)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________







| **B. Mis-silta sib *il-kelma, il-frażi* jew *l-idjoma* li għandha din it-tifsira:** *(5 marki)* |  |
|---|---|
| **Tifsira** | **Mill-istorja** |
| 1. joħorġu mill-port *(par.1)* | |
| 2. inbdiet diskussjoni *(par. 3)* | |
| 3. ġimagħtejn *(par. 4)* | *Eż.* *ħmistax-il ġurnata* |
| 4. imur tajjeb *(par. 5)* | |
| 5. ħerqan *(par. 6)* | |
| 6. jirkbu fuq il-vapur *(par. 7)* | |

## Ċ. Daħħal is-sura tal-verb kif jinħtieġ. Uża l-*għerq* mill-parentesi.



L-akbar vapur li ***ħareġ*** ***(ħ-r-ġ)*** mill-Ingilterra kien it-Titanic. Kien l-akbar opra li qatt _________________ ***(għ–m-l)*** t-tarznari Ingliżi. Min kien _______________ ***(b-s-r)*** b'dik it-traġedja fl-1912! Ħafna qalu li dan il-vapur qatt ma_______________ ***(s-t-għ)*** jiġrilu xejn. Dawk li _________________ ***(ħ-s-b)*** hekk ________________ ***(m-w-r)*** żmerċ. Fl-14 ta' April ta' dik is-sena stess ________________ ***(ħ-b-t)*** ma' ajsberg. Fih _________________ ***(d-ħ-l)*** ħafna ilma sa ma __________________ ***(n-ż-l)*** fil-qiegħ. Miegħu ______________ ***(għ-r-q)*** mijiet ta' nies. Din il-għarqa ________________ ***(b-q-għ)*** tissemma' sal-lum.

*(10 marki)*

## D. Daħħal il-kelmiet fil-vojt.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *għalkemm* | *minkejja* | *sakemm* | *għalxejn* |
| *daqskemm* | *kulma* | *daqstant* | *bilkemm* |



1. Ġuża ħadet ______________ xtaqet.
2. Ħadha _____________ bi kbira li ħassu ħażin
3. Tellagħhomlu _______________ kien fitt.
4. Ried jiskartah _____________ kien ħabibu.
5. Oħti xxarrbet għasra _____________ waslet id-dar.
6. Jien _____________ stinkajt għax xorta ma rbaħtx.
7. Lina ______________ laħqet ħarġet li ma bdietx tqattar ix-xita.
8. Waslu tard fuq ix-xogħol ______________ li telqu kmieni.



*(8 marki)*

## E. Daħħal kelma waħda fil-vojt biex tagħti sens lis-silta.



F'Sajf _______________ bħal dan, aħna mmorru ______________ il-baħar. Hawn min ______________ iċafċaf fl-ilma jew jgħum fit-tul, min ______________ u jitbaskat taħt xemx ______________ jew jintefa' għad-dell taħt xi ______________. Nieħu ______________ kull filgħaxija meta għad-dawl tal- ______________, jiena u l-ħbieb nerħulha għal xi ______________. Wara xi sagħtejn mixi, nintelqu fuq ir-ramel kiesaħ biex ______________ mis-sħana.

*(10 marki)*



## F. Segwi din l-aħbar.




Immaġina li inti **wieħed** jew **waħda** minn dawn ix-xhieda:

- ***sid il-ħanut***
- ***mara li kont qed tixtri xi ġojjelli***
- ***raġel jew mara li kont qed tħares minn barra l-armatura***

Aħseb f'dak li rajt, dwar il-ħallelin u l-karozza li użaw.

**Ikteb rapport ta'** ***ħames sentenzi.*** Għid lill-pulizija x'rajt u x'għamilt int.

Jiena ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ *(10 marki)*

## Ġ. Agħmel (✓) ħdejn it-tifsira t-tajba.

1. **Fuq pakkett tal-ħalib:** Żomm imkessaħ bejn 4 u 8 gradi Ċelsius.

| | |
|---|---|
| | Żommu f'temperatura baxxa. |
| | Żommu f'temperatura għolja. |
| | Żommu f'temperatura sħuna. |




2. **Fil-ħanut tal-ħwejjeġ:** Prezz fiss



| | |
|---|---|
| | Prezz imraħħas. |
| | Prezz għoli. |
| | Prezz ma jinbidilx. |

3. **Fil-ħanut tal-merċa:** Ma ndejjinx.

| | |
|---|---|
| | Ħallasni fil-pront. |
| | Tħallasni xejn. |
| | Ħallasni għada. |



4. **Fi ġnien pubbliku:** Żomm mal-mogħdija.



| | |
|---|---|
| | Għaddi minn fejn trid. |
| | Għaddi mill-passaġġ. |
| | Għaddi minn fuq il-ħitan tas-sejjieħ. |

5. **Fuq bott tal-bżar:** Bżar iswed mitħun

| | |
|---|---|
| | Bżar iswed jaħraq. |
| | Bżar iswed imfarrak. |
| | Bżar iswed sħun. |



*(5 marki)*

## G. Aqra din il-kartolina.

Londra 13.05.2003

Għażiża Sina,

Issa ili sentejn li tlaqt minn belt twelidi. Inħoss ħafna n-nuqqas tiegħek għax inti kont l-iktar ġara ħabiba tiegħi.

Qiegħda nattendi kors ta' gwida biex nitħarreġ sewwa f'din il-karriera.

Inselli għalikom. Sellili għall-ħabiba tagħna Bormliża Ċettina.

Mingħand ħabibtek,

Ġuża



Sina Mifsud,

77, TRIQ IL-FORTIZZA,

IL-BIRGU,

MALTA.

**Immarka t-tajba billi ddaħħal (✓) fil-kaxxa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Sina toqgħod | Bormla. | |
| | | Il-Birgu. | |
| | | Londra. | |
| 2 | Il-kartolina kitbitha | Ċettina. | |
| | | Ġuża. | |
| | | Sina. | |
| 3 | Iż-żewġ ġirien kienu | Ġuża u Ċettina. | |
| | | Ċettina u Sina. | |
| | | Ġuża u Sina. | |
| 4 | Ġuża trid issir | Koka. | |
| | | Gwida. | |
| | | Xufiera. | |
| 5 | Ġuża twieldet | Il-Birgu. | |
| | | Bormla. | |
| | | Londra. | |

*(5 marki)*

## GĦ. Daħħal żewġ kelmiet *(verb u partiċella)* biex timla l-vojt:

*Eż.* Ġorġa **poġġiet** **ħdejn** oħtha.



1. Il-priġunier ___________ ___________ żewġ pulizija.
2. Karozza ___________ ___________ ħajt tas-sejjieħ.
3. Illum ___________ ___________ erwieħ.
4. Ma bżajtx ___________ ___________ dahar iż-żiemel.
5. Ma _____________ __________ xiex trid tgħaddi 'l quddiem!

*(10 marki)*

## H. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.

*Żbalji ta' l-ortografija, sentenzi miktuba kif ġie ġie, kif ukoll nuqqas ta' paragrafi u punteġġjatura jtellfu l-marki. Ikteb pulit u kun immaġinattiv/a. (Jekk trid tista' tagħmel użu mill-punti mogħtija.)*

1. Iz-ziju Pawl u z-zija Marija joqogħdu l-Ingilterra. Huma bagħtulek biljett ta' l-arju bħala rigal biex tmur tarahom. Immaġina li jismek ***Frans*** *jew* ***Frida*** li joqgħod/toqgħod **63, Triq il-Ħuġġieġa, Ħal Qmuħ, QMĦ 07.** Iktbilhom ittra biex tirringrazzjahom ta' din l-istedina.
   *(Għid kif tixtieq tqatta' l-vaganza magħhom.)*



2. Illum hu l-aħħar jum ta' l-iskola. **Ikteb dwar dak li dejqek u dak li għoġbok matul is-sena skolastika.**
   *(ix-xogħol tal-klassi u tad-dar, il-ħbieb u l-għalliem/a, l-ambjent tal-klassi u ta' l- iskola, il-logħob u l- proġetti, il-ħin liberu u l-ħin ta' studju)*



3. **Kompli l-istorja.**

Waqt li kont fit-triq ilmaħt tifel f'gallarija. Kellu f'idu qasba tas-sajd bix-xlief imdendel għat-triq ………..

*(Semmi dak kollu li daħħkek jew inkwetak. Għid x'għamlu n-nies tat-triq.)*

4. Kont għaddej qrib ħajt tas-sejjieħ. Smajt tnewwiħ ħiereġ minn kaxxa magħluqa. Malli ftaħtha sibt tlett ifrieħ tal-qtates abbandunati.
**Għid x'ħassejt u x'għamilt bihom.**







5. Int tgħix fuq wiċċ il-qamar. Waslu numru ta' tfal mid-dinja għal ħarġa edukattiva.
**Inti l-gwida tagħhom. Ikteb dak kollu li ser tgħidilhom u dak li sejrin jaraw.**
*(x'għandhom ikunu jafu, kif inhi l-ħajja hemmhekk, kif inhi l-atmosfera, l-art, l-ilma u affarijiet oħra)*







*(25 marka)*

# *Tmiem il-Karta*